San Lawrenz	*1/6 undivided share of land known as Ta' Xandru covering an area of 710s.m.*	*Borg Joseph*	*32637G*	
Sannat	Fond Nru 147, 148 Triq il-Kbira bil-gardina annessa mieghu	Gozo Club Developments Ltd		981/05 Gozo
Sannat	*Premises No 147, 148 Triq il-Kbira with annexed yard*	*Gozo Club Developments Ltd*		
Sannat	½ indiviz tad-dar Triq il-Kbira inkluza l-mandra u l-arja kollha sovrastanti tal-kejl ta' 180m.k.	Said Margaret et	65554G	1020/05 Gozo
Sannat	*½ undivided share of house in Triq il-kbira including yard and overlying airspace covering an area of 180s.m.*	*Said Margaret et*	*65554G*	
Sannat	½ Indiviz tal-fond Nru 97 u 98 Triq Ix-xabbata	Scicluna Mary et	7370G	1045/03 Gozo
Sannat	*½ undivided share of premises 97 and 98 Triq ix-Xabbata*	*Scicluna Mary et*	*7370G*	
Sannat	Korrezzjoni ta' LRC 124/05 - Dar Nru 83 f'Main Street peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Vella Anthony u Vella Mary	64556G u 24560G	1104/05 Gozo
Sannat	*Correction of LRC 124/05 – House No 83 in Main Street as wrong application was submitted*	*Vella Anthony and Vella Mary*	*64556G*	
Xaghra	Korrezzjoni ta' LRA 361/05 - Cimiterju 'Id-Dahla ta' Ghajn Lukin' tal-kejl ta' 4000m.k. peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata	Knisja tax-Xaghra		978/05 Gozo
Xaghra	*Correction on LRA 361/05 – Cemetry 'Id-Dahla ta' Ghajn Lukin' covering an area of 4000s.m. as wrong application was submitted*	*Xaghra Parish Church*		
Xaghra	¼ indiviz mir-raba' msejha 'tal-Werrier' tal-kejl ta' 302m.k.	Sultana Mary Stella et	56043G	1200/05 Gozo
Xaghra	*¼ undivided share of land known as 'Tal-Werrier' covering an area of 302s.m.*	*Sultana Mary Stella et*	*56043G*	
Xaghra	¼ indiviz mir-raba' msejha 'tal-Werrier' tal-kejl ta' 105m.k.	Sultana Mary Stella et	56043G	1201/05 Gozo
Xaghra	*¼ undivided share of land known as 'Tal-werrier' covering an area of 105s.m.*	*Sultana Mary Stella et*	*56043G*	
Xewkija	1/3 indiviz mill-art msejha 'Ta' Psaila' tal-kejl ta' 150m.k.	Hili Maria et	10752G	1109/05 Gozo
Xewkija	*1/3 undivided share of land known as 'Ta' Psaila' covering an area of 150m.k.*	*Hili Maria et*	*10752G*	
Zebbug	¼ indiviz mir-raba' msejha 'tal-Gharajjex' tal-kejl ta' 1600m.k.	Sultana Mary Stella et	56043G	1199/05 Gozo
Zebbug	*¼ undivided share of land known as 'tal-Gharajjex' covering an ara of 1600s.m.*	*Sultana Mary Stella et*	*56043G*	

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur ta' l-Artijiet

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar* fl-*Audiological-Medical Otolaryngology* fid-Dipartiment ta' l-ENT fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatt għall-post ta' *Senior Registrar* fl-*Audiological Medical Otolaryngology* fid-Dipartiment ta' l-ENT fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* fl-*Audiological Medical Otolaryngology* fid-Dipartiment ta' l-ENT għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun tifforma parti mid-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija.

5.2. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kirurġija jew tal-Kirurġija ta' l-*ENT* u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.3. Il-persuna nominata tkun trid tieħu ħsieb id-dijanjosi,

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar in Audiological Medical Otolaryngology in the Department of ENT in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the post of Senior Registrar in Audiological Medical Otolaryngology in the Department of ENT in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar in Audiological Medical Otolaryngology in the Department of ENT carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Surgery and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Department of Surgery.

5.2. The appointee will be required to participate in any teaching or training programe for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Surgery or ENT Surgery and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.3. The appointee will be expected to deal with the

investigazzjoni u maniġġjar inkluż ir-rijabilitazzjoni ta' pazjenti b'diżordni ta' smigħ u bilanċ. Hi tkun trid taħdem f'ħafna kliniċi li jkopru speċifikament diżordni ta' bilanċ, telf ta' smigħ u *tinnitus* bir-rijabilitazzjoni meħtieġa tas-smigħ.

5.4. Il-persuna nominata tkun trid tippjana, torganizza u tiċċekkja sistemi ta' sorveljanza u ta' *screening* relatati ma' *preventive audiology*. Hi tkun trid tikkoordina l-ħidma medika ma' professjonisti oħra involuti fl-immaniġġjar ta' pazjenti li għandhom diżordni ta' smigħ bħal *Audiology Technicians, Speech and Language Therapists,* Awtoritajiet tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u Fiżjoterapisti.

5.5. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fl-għoti ta' kuljum ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għal dawk rikoverati fl-isptar San Luqa. Dan jinkludi ordni ta' investigazzjoni u ta' tibdil fit-trattament skond kif hi tħoss meħtieġ, taħt is-superviżjoni tal-konsulent.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid tattendi għall-*ward rounds* kemm mal-Konsulent kif ukoll waħedha u tattendi għall-*outpatients clinics* kif meħtieġ.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tirranġa għad-dħul fl-isptar u tħejji *discharge summaries* u kull korrispondenza mal-*General Practitioners*, kif xieraq.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm kuntatt mal-qraba tal-pazjenti u tassigura li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw.

5.9. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel superviżjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom irreġistrati u ta' *Senior House Officers* u tieħu sehem fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-Mediċina li jkunu qed jaħdmu fil-*firm*, skond kif ikun xieraq;

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor.

5.11. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa.

5.12. Il-persuna nominata tkun trid tobbliga ruħha li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali

diagnosis, investigation and management including rehabilitation of patients with disorders of hearing and balance. He/She will be required to work in several clinics which will cover specifically disorders of balance, hearing loss and tinnitus with the subsequent auditory and vestibular rehabilitation necessary.

5.4. The appointee will be required to plan, organise and monitor surveillance and screening systems related to preventive audiology. He/She must co-ordinate the medical input together with that of other professionals involved in the management of patients with auditory and vestibular disorders such as Audiology Technicians, Speech and Language Therapists, Education Authorities and Physiotherapists.

5.5. The appointee will be required to participate in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at St.Luke's Hospital. This includes ordering investigations and changing treatment as he/she feels necessary, under the supervision of the Consultant.

5.6. The appointee will be required to attend and undertake ward rounds and attend outpatient clinics as required.

5.7. The appointee will be required to arrange admissions and prepare discharge summaries and any correspondence to General Practitioners as appropriate.

5.8. The appointee will be required to liaise with patients' relatives and ensure that records of patients are accurate, up to date and legible.

5.9. The appointee will be required to supervise work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participate in their training, and that of medical students attached to the firm, as appropriate.

5.10. The appointee will be required to provide cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

5.11. The appointee will be required to liaise with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood.

5.12. The appointee will be required to undertake to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential

għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

5.13. Il-persuna nominata tkun trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.14. Il-persuna nominata tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu kisbu l-kwalifika msemmija hawn fuq;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

for continuity of patient care.

5.13. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.14. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in the specialilty and three years postregistration experience in the speciality following the attainment of the above-mentioned qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1 F'dan il-kaz partikolari, jintlaqgħu wkoll applikazzjonijiet mingħand persuni li ma jkollhomx kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni, kif stipulat f'paragrafu 6(d) hawn fuq, imma jkollhom *MSc* fl-*Audiological Medicine* jew *Speech Science* (jew kwalifika adattata komparabbli), peress li l-kwalifika ta' MSc hija meqjusa bħala l-ogħla kwalifika f'dan il-qasam.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatt għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, f'15, Triq il-Merkanti,

6.1 In this particular case, applications will also be accepted from persons who do not possess a higher postgraduate qualification as stipulated in paragraph 6(d) above but who possess an MSc in Audiological Medicine or Speech Science (or an approved appropriate comparable qualification), since the MSc is considered as the highest qualification in this area.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health

Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu, 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Awissu, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* għandu salarju ta' Lm5,507 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,557 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* titpoġġa fi Skala 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465) soġġetta għal servizz sodisfaċjenti wara li tagħmel għaxar snin servizz fil-grad ta' *Scientific Officer* jew tmien snin jekk ikollha xi kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni. Persuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titpoġġa fi Skala 7 (Lm6,611 x 228 – Lm7,979) wara sentejn servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li hija soġġetta għall-konferma kif indikat f'paragrafu 9, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi

Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 26th August, 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

2nd August, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) in the Health Division.

2.1. The post of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) carries a salary of Lm5,507 per annum, rising by annual increments of Lm 175 up to maximum of Lm6,557 (Scale 10). Subject to satisfactory performance, a Scientific Officer will move to Scale 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years service in the grade of Scientific Officer.

2.2. A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer in Scale 8 (Lm6,211 x 209 – Lm7,465) on completion of ten years in the grade of Scientific Officer or eight years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Scale 7 (Lm6,611 x 228 – Lm7,979) on completion of two years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period as stated in paragraph 9, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability

trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* jinkludu:-

a) *Acceptance testing* u *commissioning* ta' magni ġodda tat-terapija u ta' tagħmir awżiljarju qabel ma jibdew jintużaw klinikament biex ikun aċċertat li dawn huma skond ir-regolamenti u linji ta' gwida.

b) Kejl ta' l-instrumenti tad-*dosimetry*.

ċ) Superviżjoni u maniġġjar ta' ħażna u rimi ta' materjal u skart radjoattiv.

d) Sehem fi programmi ta' taħriġ u edukazzjoni *in-house* fuq aspetti relevanti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni.

e) Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Personnel*, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposiżżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ; jew

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom lawrja tal-BSc(Hons) bil-Fiżika bħala wieħed mis-suġġetti prinċipali. Preferenza tingħata lill-applikanti li jkollhom il-Matematika jew *Computer Science* bħala t-tieni suġġett;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll

to transfer according to the exigencies of the Malta Public service.

4. The duties of a Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) include:-

(a) Acceptance testing and commissioning of new therapy machines and auxiliary equipment prior to being put into clinical use, in accordance with regulations and guidelines.

(b) Calibration of dosimetry instruments.

(c) Supervision and management of the storage and disposal of radioactive materials and radioactive waste.

(d) Participation in in-house education and training programmes in relevant aspects of radiation protection.

(e) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply* ; or

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of the BSc(Hons) degree with Physics as one of the main subjects. Preference will be given to applicants having Mathematics or Computer Science as the second subject;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service

jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji)

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand persuni li jkunu se jiksbu il-lawrja msemmija f'paragrafu 5(ċ) hawn fuq fis-sena 2005 u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet taħt paragrafi 5(a), 5(b) u 5(d).

7. Applikazzjonijiet taħt paragrafu 6 jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikanti taħt paragrafu 5.

8. Applikanti magħżula taħt paragrafu 6 isiru eliġibbli għall-ħatra ta' *Scientific Officer (Radiotherapy Physicist)* wara li jkunu temmew b'suċċess l-istudju tagħhom u wara li jiksbu l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għal din il-lawrja.

9.1. Il-persuna magħżula jkollha tmur barra minn Malta biex issegwi kors ta' sentejn li jwassal għall-*MSc degree* fir-*Radiation Physics* jew ekwivalenti. Taħriġ fir-*Radiotherapy Physics* isir ukoll fl-istess żmien fi sptar xieraq barra minn Malta. Il-persuna magħżula tkun kkonfermata fil-ħatra bħala *Scientific Officer* (*Radiotherapy Physicist*) wara li tkun kisbet l-*MSc degree* fir-*Radiation Physics* jew ekwivalenti u wara li tkun temmiet sena servizz sodisfaċenti fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Inkella l-ħatra ta' *Scientific Officer* (*Radiotherapy Physicist*) tiġi terminata.

9.2. Il-persuna magħżula biex tagħmel l-kors ta' taħriġ tkun marbuta bir-regoli kif kontemplati fil-*Public Service Management Code*.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni. Dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

giving details).

6. Applications will also be considered from persons who will be obtaining the degree mentioned in paragraph 5(c) above in the year 2005 and who satisfy the conditions under paragraphs 5(a), 5(b) and 5(d).

7. Applications under paragraph 6 will only be considered if there are not enough suitable applicants under paragraph 5.

8. Applicants selected under paragraph 6 will only become eligible for appointment as Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) on the successful completion of their studies and on obtaining the approval of the University for the award of the degree.

9.1. The selected applicant must proceed abroad to follow a two-year course of training leading to the M.Sc. degree in Radiation Physics or equivalent. Training in Radiotherapy Physics will also be undertaken concurrently at an appropriate hospital centre abroad. The selected applicant will only be confirmed in his/her appointment as Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) on their obtaining the M.Sc. degree in Radiation Physics or equivalent and on completion of one (1) year satisfactory service in the Health Division. Otherwise the appointment of Scientific Officer (Radiotherapy Physicist) will be terminated.

9.2. Candidates proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in Public Service Management Code.

10.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal dan il-post.

12.2. Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Awissu, 2005.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 –21 242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

It-2 ta' Awissu, 2005

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 26th August, 2005.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later that one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Division is +356 – 21 242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

*In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

2nd August, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (General Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (General Surgery)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (General Surgery)* għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel operazzjonijiet, inklużi dawk serji, fil-limitu ta' l-esperjenza u t-taħriġ tagħha, taħt id-direzzjoni ġenerali u s-sorveljanza tal-Konsulent immedjat tagħha.

5.3. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol ta' l-għassa fil-kirurġija. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija kirurġika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.4. Il-persuna nominata tkun trid tieħu sehem fil-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (General Surgery) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (General Surgery) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (General Surgery) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Surgeon in the overall management of patients.

5.2. The appointee will be required to operate cases, including major surgery, within his/her experience and training under the overall direction and supervision of his/her immediate Consultant.

5.3. The appointee will perform duties according to established roster and will lead the surgical team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving surgical management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.4. The appointee will be expected to participate in any

programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Kirurġija Ġenerali (e.ż. jew (i) FRCS ta' qabel jew kwalifika adatta komparabbli jew (ii) MRCS jew kwalifika adatta komparabbli u tliet snin esperjenza ta' wara r-reġistrazzjoni fl-ispeċjalità wara li jkunu kisbu l-imsemmija kwalifika.

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-

teaching or training programme for undergraduates or postgraduates as required and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Chairman, Department of Surgery and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Surgery (e.g. either (i) former FRCS or an approved appropriate comparable qualification or (ii) MRCS or an approved appropriate comparable qualification and three years postregistration experience in the speciality following the attainment of the said qualification).

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Thus in view of the premised the applicant prays with respect that this Honourable Court, is to cancel and revoke the decision given by the Honourable Court of Magistrates, of the 29h April 2004, in the names premised, and whilst upholding the pleas of the appellant defendant company, rejects the demands of the respondent plaintiff, with costs against the respondent plaintiff.

Respondent: Sunville, Annibale Preca Street, Lija.

Registry of the Superior Courts (Inferior Appeal) today 29th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1546

Illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-27 ta' Lulju, 2005 ġiet milqugħa t-talba mill-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Atti tal-Kumpilazzjoni "Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) kontra:

Arnold Farrugia, 35 sena, iben Emanuel u Theresa neé Ciappara, imwieled Ħ'Attard fis-7 ta' Novembru, 1969, u residenti 13 B, Sqaq tal-Ħlas, Ħaż-Żebbuġ u detentur tal-karta ta' l-identità numru 471569 (M);

ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 27th July, 2005, the Court acceded to the request of the Prosecution in terms of Article 22 of Chapter 101 of the Laws of Malta in the Preliminary Investigation, "The Police (Inspector Norbert Ciappara) versus:

Arnold Farrugia, 35 years old, son of Emanuel and Theresa neé Ciappara, born at Attard on the 7th November, 1969 and residing at 13 B, Sqaq tal-Ħlas, Żebbuġ, and holder of Identity Card Number 471569(M);

ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and any movable

u/jew imissu lill-imputat imsemmi aktar 'l fuq, jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut bl-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 29 ta' Lulju, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistent Reġistratur

property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, movable or immovable, in terms of Article 22 of Chapter 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 29th July, 2005.

PAUL MIRUZZI
Assistant Registrar

1547

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 492/05 FS, fl-ismijiet Bugeja Brian et vs Cassar Nutar Pubbliku Dr. Herbert et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Brian Bugeja, Pauline Cilia, Raymond Mallia, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bis-segwenti 'occhio' 'Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 489/05, fl-ismijiet Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia versus Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited, ir-rikorrenti n-Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u Visa Investments Limited esponew bir-rispett;

Illi is-Sekwestranti Brian Bugeja et talbu u ottjenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru kontra l-intimati esponenti għall-ammont ta' tmient elef u seba' mitt lira Maltin (Lm8,700) kopja ta' liema mandat ta' sekwestru tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument 'A'.

Illi dan il-mandat ta' sekwestru ntalab f'mument meta l-Ewwel Onorabbli Qorti permezz ta' sentenza tal-24 ta' Novembru 2004, (Ċitaż. Numru 1369/2002 JA) diġa ddeċidiet il-vertenza tad-danni pretiżi mis-sekwestranti Brian Bugeja et u ċirkoskrivitha fis-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4,000) li għadhom jitħallsu kwantu elfejn lira Maltin (Lm2,000) mill-intimat Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar u l-elfejn lira Maltin (Lm2,000) l-oħra mis-soċjetà intimata Visa Investments Limited u f'mument ukoll meta din is-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet appellata mill-intimati u mill-istess sekwestranti.

Illi teżisti garanzija xierqa oħra ta' l-intimati li tista' tassigura biżżejjed u jew sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranti skond il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi. Infatti l-intimati huwa proprjetarji ta' assi li bħala valur jeċċedi bil-bosta l-ammont pretiż.

Illi inoltre għandu jirriżulta lil dina l-Onorabbli Qorti mill-

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 12th July 2005, in the records of the Writ of Summons Number 492/05 FS, in the names Bugeja Brian et vs Cassar Notary Public Dr. Herbert et, ordered the following publication for the purpose of service of Brian Bugeja, Pauline Cilia, Raymond Mallia in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the First Hall Civil Court, with the following 'Heading' In the records of the Garnishee Order Number 489/05, in the names Brian Bugeja, Raymond Mallia and Pauline Cilia versus Notary Public Dr. Herbert Cassar and Visa Investments Limited, the applicant Notary Public Dr. Herbert Cassar and Visa Investments Limited pleaded with respect;

That the Creditors Brian Bugeja et, prayed and obtained the issuing of a Garnishee Order against the respondent applicants for the amount of eight thousand and seven hundred Maltese Liri (Lm8,700) a copy of which Garnishee order is hereby attached marked Document 'A'.

That this Garnsihee Order was asked at a moment when the Honourable Court of First Instance by means of a judgement of the 24th November 2004, (Writ of Summons Number 1369/2002JA) had decided the dispute regarding the damages claimed by the creditors Brian Bugeja et and rounded up in the sum of four thousand Maltese Liri (Lm4,000) which are to be paid as for two thousand Maltese Liri(Lm2,000) by the respondent Notary Public Dr. Herbert Cassar and the other two thousand Maltese liri (Lm2,000) by the respondent company Visa Investments Limited and at a moment also when this judgement of the Honourable Court of First Instance, was appealed by the respondents and by the same creditors.

That there exists an adequate guarantee of the respondents that can guarantee adequately in order to satisfy the claim of the creditors according to the garnishee order above mentioned. Infact the respondents are owners of assets which as a value far exceed the amount claimed.

That furthermore it should result that this Honourable Court

istess atti tal-kawża fl-ismijiet ' Brian Bugeja et vs Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar et' (Ċitaż. Nru. 1369/2002 JA) li l-ammont mitlub kwantu danni u kkawtelat bil-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi ma huwiex prima facie ġustifikat barra li huwa eċċessiv għall-aħħar.

Għaldaqstant l-esponent nomine umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha (1) għat-tenur ta' dak provdut f'subparagrafu (ċ) u (d) ta' subartikolu (1) ta' l-Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru: 489/05, fl-ismijiet: 'Brian Bugeja et versus Nutar Pubbliku Dr. Herbert Cassar et' ppreżentat u maħruġ fit-8 ta' Marzu 2005, u dan taħt il-kundizzjonijiet li l-istess Onorabbli Qorti tqis xierqa u (2) tikkundannaha lis-sekwestranti Brian Bugeja, Raymond Mallia u Pauline Cilia, sabiex Iħallsu solidalment penali ta' mhux anqas minn ħames mitt lira Maltin (Lm500) u mhux iżjed minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000) skond id-dispożizzjonijiet ta' sub-paragrafi (b), (ċ) u (d) ta' sub-artikolu 8 ta' l-Artikolu 836, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Notifika: 'Blye', Naxxar Road, San Ġwann (Kopja Waħda).

Il-rikors Numru 492/2005 FS, fl-ismijiet Bugeja Brian et vs Cassar Nutar Pubbliku Dr. Herbert et, jinsab differit għad-29 ta' Settembru 2005, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, l-ewwel ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

from the same records of the cause in the names 'Brian Bugeja et vs Notary Public Dr. Herebert Cassar et' (Writ of Summons Number 1369/2002 JA) that the amount demanded as far as damages and secured by the Garnishee Order above mentioned, is not prima facie justified apart from being extremely excessive.

Thus the applicant nomine humbly demands that this Honourable Court for the reasons premised (1) in terms of that provided in subparagraph (c) and (d) of subarticle (1) of Article 836 of the Code of Organisation and Civil Procedure – Cap. 12 of the Laws of Malta revokes the Garnishee Order number 489/05, in the names 'Brian Bugeja et versus Notary Public Dr. Herbert Cassar et' filed and issued on the 8th March 2005, and this under the conditions that the same Honourable Court deems just and (2) condemns the creditors Brian Bugeja, Raymond Mallia and Pauline Cilia to pay in solidum a penalty of not less than five hundred Maltese Liri (Lm500) and not mot more than three thousand Maltese liri (Lm3,000), according to the provisions of sub–parapgraph (b), (c) and (d) of sub-article 8 of Article 836 of the Code of Organisation and Civil Procedure – Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Notify: 'Blye', Naxxar Road, San Ġwann (One Copy).

The application Number 492/2005 FS, in the names Bugeja Brian et vs Cassar Notary Public Dr. Herbert et, has been put of to the 29th September 2005, at 10.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 1st August 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1547

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Lulju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 221/03 GCD, fl-ismijiet Paul u Lorraine konjugi Attard vs Joseph u Giovanna sive Joan konjugi Meli, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellati Paul u Lorraine konjugi Attard, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, fil-21 ta' Frar 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 221/2003 GCD, fl-ismijiet Paul u Lorraine konjugi Attard vs Joseph u Giovanna sive Joan konjugi Meli, l-appellanti Joseph u Giovanna sive Joan konjugi Meli, (ID 583958M u ID 311663M) ta' 32, Triq Għajn Żejtuna, Santa Maria Estate, il-Mellieħa, esponew bir-rispett:

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 25th July 2005, in the records of the Writ of Summons number 221/03 GCD, in the names Paul and Lorraine spouses Attard vs Joseph and Giovanna sive Joan spouses Meli, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Paul and Lorraine spouses Attard, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal, filed on the 21st February 2005, in the records of the Writ of Summons Number 221/2003 GCD, in the names Paul and Lorraine spouses Attard vs Joseph and Giovanna sive Joan spouses Meli, the appellants Joseph and Giovanna sive Joan spouses Meli, (ID 583958M and ID 311663M) of 32, Għajn Żejtun Street, Santa Maria Estate, Mellieħa, pleaded with respect:

Illi fiċ-Ċitazzjoni ppreżentata l-atturi appellati, wara illi ppremettew illi huma għandhom l-utili dominju temporanju ta' biċċa art ta' bejn wieħed u l-ieħor elf tliet mija u ħmistax -il metru kwadru (1,315 m.k.) magħrufa bħala Plot 259, Santa Maria Estate, il-Mellieħa li fuqha jħallsu ċens ta' ħamsin lira (Lm50) fis-sena lil Cenmed Limited; illi fil-kuntratt ta' l-10 ta' Ottubru 2002, li bih l-atturi appellati kienu xtraw il-plot tagħhom, il-bejjiegħa Spiridione u Maria Tania Bartolo, kienu stqarrew illi s-sidien tal-plot 32, li huma l-konvenuti f' din il-kawża jew l-awturi tagħhom, okkupaw parti żgħira mill-art li kienet qiegħda tinbiegħ lill-atturi appellati u nqdew biha bħala drive in u fil-fatt il-konvenuti appellanti qegħdin jinqdew mill-art ta' l-atturi appellati bħala drive in u bħala ġnien; illi t-titolu taż-żewġ partijiet ġej, wara li għadda minn idejn persuni oħra, mingħand l-istess awturi ewlenija, is-soċjetà Central Mediterranean Development Corporation Limited; illi Central Mediterranean Development Corporation Limited, kienet dik li qassmet l-art ta' Santa Maria Estate, fi plots skond pjanta tal-periti Roger de Giorgio and Partners meħmuża mal-kuntratt, tat-30 ta' Settembru 1980; illi fuq din il-Pjanta jidhru l-konfini tal-Plot 259 ta' l-atturi, u dak numru 32 tal-konvenuti appellanti, u jidher ukoll illi l-linja li tifred iż-żewġ plots hija linja dritta minn fuq sa isfel, u mhux bl-indentatur li tidher illum fuq il-post u li hija parti ta' l-art li l-konvenuti appellanti jew l-awturi tagħhom ħadu bla jedd mill-art ta' l-atturi appellanti; illi din l-art meħuda mill-konvenuti appellanti għandha kejl ta' bejn wieħed u ieħor erbatax punt sitta ħamsa metri kwadri (14.65m.k); illi l-konvenuti appellanti għandhom xatba fuq l-art li għandu ta' l-atturi b'mod illi, sabiex il-konvenuti appellanti jkollhom aċċess għall-propjetà tagħhom minn dik ix-xatba qegħdin ikomplu jċaħħdu lill-atturi appellati mit-tgawdija ta' biċċa art oħra tagħhom, tal-kejl ta' bejn wieħed u ieħor tmienja punt sitta ħamsa metri kwadri (8.65m.k) u dan għalkemm il-konvenuti għandhom aċċess ieħor għall-propjetà tagħhhom, mhux mix-xatba.

....Omissis....

L-atturi appellati talbu lill-konvenuti appellanti jgħidu għaliex l-Onorabbli Qorti ma kelliex (1) tiddeċiedi illi l-konvenuti jew l-awturi tagħhom ħadu bla jedd biċċa art ta' l-atturi tal-kejl ta' circa erbatax punt sitta ħamsa metri kwadri (14.65m.k.) jew kejl ieħor aktar preċiż mill-plot ta' l-atturi li għandu numru 259, f'Santa Maria Estate, il-Mellieħa; (2) tiddeċiedi illi bil-ftuħ tax-xatba f'dik il-biċċa art il-konvenuti qegħdin ikomplu jċaħħdu lill-atturi mit-tgawdija ta' biċċa art oħra tal-kejl ta' bejn wieħed u ieħor tmienja punt sitta ħamsa metri kwadri (8.65m.k.) (3) tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju li jingħatalhom, jiżgombraw mill-biċċa art tal-kejl ta' circa erbatax punt sitta ħamsa metri kwadri (14.65 m.k) jew kejl ieħor aktar preċiż u jrodduha lill-atturi; (4) tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jingħatalhom jaqilgħu x-xatba li titfa fuq l-art ta' atturi biex b'hekk l-atturi jieħdu lura l-pussess ta' biċċa art oħra tal-kejl ta' circa tmienja punt sitta ħamsa metri kwadri (8.65m.k) u

That in the Writ of Summons filed, the respondent plaintiffs, after having premised that they have the temporary utile dominium of a plot of land of circa one thousand three hundred and fifteen square metres (1,315 sq.m.) known as Plot 259, Santa Maria Estate, Mellieħa, on which they pay groundrent of fifty liri (Lm50) per annum to Cenmed Limited; that in the contract of the 10th October 2002, by which the respondent plaintiffs had bought their plot; the vendor Spiridione and Maria Tania Bartolo, had declared that the owners of plot 32, which are the defendants in this cause or their predecessors, occupied a small part of land which was being sold to the respondent plaintiffs, and they used it as a drive in and in fact the defendant appellants are using the land of the respondent plaintiffs as a drive in and garden; that the title of both parties derives, after having passed through other persons; from the same original owners, the company Central Mediterranean Development Corporation Limited; that Central Mediterranean Development Corporation Limited was that who divided the land in Santa Marija Estate, in plots according a plan of the Architects Roger de Giorgio and Partners attached to the contract of the 30th September 1980; that on this plan there appear, the borders of Plot 259 of the plaintiffs and 32 of the defendant appellants, and there also appears the line which divides the two plots is a strait line, from top to bottom, and not with the indention which appears today on the place and it is part of the land that the defendant appellants or their predecossors took without any right from the land, of the plaintiff appellants; that, this land taken by the defendant appellants, is of the area of approximately fourteen point six five square metres (14.65 sq.m); that the defendant appellants have a gate on the land of the plaiuntiffs; in such a manner that, in order that the defendant appellants, have access to their property from this gate they are continuing to deprive the respondent plaintiffs from the enjoyment of another plot belonging to them, of the area of approximately eight point six five square metres (8.65sq.m)(and this although the defendants have access to their property not from the gate.

....Omissis....

The respondent plaintiffs asked the defendants appellants to state why this Honourable Court should not have (1) decided that the defendants or their predecssors took without any right, a part of the land of the plaintiffs of circa fourteen point six five square metres (14.65sq.m) or more precise measure from the plot of the plaintiffs which bears number 259, in Santa Maria Estate, Mellieħa, (2) decide that with the opening of the gate in that plot of land the defendants are continuing to deny the plaintiffs from the enjoyment of another plot of land of the size of approximately eight point six five square metres (8.65 sq.m) (3) order the defendant so that within a short and peremptory period which is allowed to them, they vacate the plot of land of the area of circa fourteen point six five square metres (14.65sq.m) or more precise area and they return it to the plaintiffs; (4) to order the defendants so that, within a short and peremptory period which is allowed to them, they remove the gate which abutts on the land of the plaintiff, so

(5) tagħti lill-atturi s-setgħa illi, jekk il-konvenuti ma jagħmlux dak illi l-Qorti tordnalhom illi jagħmlu, jagħmlu huma x-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex jieħdu lura l-pussess battal ta' l-art tagħhom u jħallsu l-ispejjeż relattivi lill-konvenuti. Bl-ispejjeż fosthom dawk ta' survey report, ta' ittra interpellatorja u ta' l-ittra uffiċjali.

....Omissis....

Illi fis-sentenza minna mogħtija fl-1 ta' Frar 2005, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, irriteniet illi l-atturi appellati pprovaw dak minnhom mitlub u għalhekk iddeċidiet billi laqgħet it-talbiet attriċi kollha bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellanti:

Illi l-appellanti ħassew ruħhom aggravati mill-imsemmija Sentenza, u qegħdin għalhekk jinterponu minnha l-umli appell tagħhom;

Illi l-aggravju hu ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

Prinċipalment dan l-Appell huwa bażat fuq żewġ aggravji, u cioe';

A. Illi, diversament minn dak deċiż mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-atturi appellati bir-rispett ma ssoddisfawx ir-rekwiżit speċifiku tad-diabolica probatio, kif rikjest mil-Liġi u żviluppat mill-ġurisprudernza; u

B. Illi l-konklużjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-azzjoni attriċi hija kollha kemm hi waħda rei vendicatoria, u li ma' wħud mit-talbiet attriċi m'humiex di natura talbiet ta' actio spolii, hija bir-rispett, errata.

A. L-Ewwel Aggravju.

Huma effettivament l-ewwel u t-tielet talbiet attriċi illi mid-diċitura tagħhom u mill-mod kif ġew interposti, huma di natura ta' kawża petitorja. F'dan is-sena l-atturi appellati jinħtieġ li jipprovaw b'mod ċar fil-grad u fl-entità rikjest mil-Liġi, illi effettivament il-porzjoni ta' art in kwestjoni hija proprjetà tagħhom u illi l-konvenuti appellanti jew l-awturi tagħhom) użurpaw dina l-porzjoni imsemmija.

....Omissis....

Fil-każ ta' l-azzjoni partikolari proposta mill-atturi appellati fil-każ de quo, imbagħad dan l-oneru ta' prova huwa speċifikat u affilat b'mod aktar profond. Dik illi l-Liġi u l-Ġurisprudenza titlob mill-attur, f'azzjoni petitorja bħala din hija dik li tissejjaħ id-diabolica probatio, minħabba n-natura stess tal-grad tal-prova partikulari li hu jkun iridi jilħaq.

that the plaintiffs take back possession of another plot of land of the area circa of eight point six five square metres (8.65sq.m) and (5) give to the plaintiffs the power, that if the defendants do not do, that ordered by the Court, they do all the necessary work, in order to take back the vacant possession, and pay the relative expenses to the defendants. With costs, amongst which those of the survey report, of the interpellatory letter and of the judicial letter.

....Omissis....

That in the judgement given on the 1st February 2005, the Honourable First Hall Civil Court, upheld that the respondent plaintiffs proved what was asked by them and thus decided by upholding the plaintiffs, claims with costs against the defendant appellants:

That the defendants, felt aggrieved by the said Judgement, and are thus humbly submitting an appeal therefrom;

That the grievance is clear and manifest and consists in the following;

Principally this appeal is based on two grievances and that is;

A. That, differently from that decided by the Honourable First Court, that with respect the respondent plaintiffs, did not satisfy the specific requiste of the diabolica probation, as required by Law and developed by jurisprudence; and

B. That the conclusion of the Honourable Court of First Instance that the plaintiff's action is wholly a rei vendicatoria, and that some of the demands are not of their nature demands of an action of spoliation, is with respect, mistaken.

A. The First Grievance.

Effectively the first and third demands of the plaintiff which from their wording and the manner in which they were put forward, are of their nature of a petitory action. In the sense the plaintiff appellants, require to prove clearly in the grade and manner required by Law, that effectively the portion of land in question, is their property and that the defendant appellants) (or their predecessors) usurped the said portion mentioned.

....Omissis....

In the case of the particular action proposed by the respondent plaintiffs, in the case de quo, then this burden of proof is specified and affiliated more profoundly. What the Law and Jurisprudence requires from the plaintiffs in a petitory action of this nature is what is called the diabolica probation due to the level of proof required.

Sentenzi ċitati fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-konvenuti appellanti jiddelineaw l-essenza ta' tali prova.

....Omissis....

Ukoll kif diġà ġie osservat, huwa minnu wkoll illi, matul is-snin xi sentenzi mmitigaw xi ftit l-effett tad-diabolica probatio meħtieġa mill-attur rivendikanti. F'dawn il-każijiet ukoll però ma ġiex effettwat il-fatt ili anke l-anqas dubbju jibqa' jmur riġidament a favur tal-konvenut rivendikat.

....Omissis....

L-istess prinċipji ġew konfermati, fil-pjenezza tagħhom, f'sentenza oħra wkoll reċenti, mogħtija mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Ċivili in re 'Dottor Carmel Apap Bologna Sceberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut (Ċit. Nru. 745/89 PS) - 28 ta' Marzu 2003).

'L-azzjoni tentata mill-attur f'din l-istanza hi dik rivendikatorja.

....Omissis....

Għall–kwestjoni japplikaw il-konsiderazzjonijiet ġuridiċi li se jsegwu:

'Min jitlob ir-rivendikazzjoni jrid jipprova d-dominju ossija l-proprjetà fih tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhix suffiċjenti l-prova li dik il-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jrid juri pożitivament li hi tiegħu nnifsu, għaliex 'melior est conditio possidentis' u din il-prova hemm bżonn li tkun kompleta u konklusiva, b'mod li kwalunkwe dubju, anke l-iċken , għandu jmur favur il-possessur konvenut'. Wisq Rev. Kan. Giuseppe Cassar noe vs Emmanuele Barbara et' Appell Ċivili , 7 ta' Ottubru 1980.

....Omissis....

Tenut kont ta' tali pożizzjoni legali u ġurisprudenzjali ċara u ben stabbilita, għandu jirriżulta bir-rispett, illi l-applikazzjoni tagħhom għall-provi prodotti mill-atturi appellati ma tista' qatt twassal għall-konklużjoni li l-atturi appellati pprovaw dak li qegħdin jallegaw mingħajr 'ebda dubbju', kif riportat fi-sentenza appellata.

A skans ta' ripetezzjoni, issir riferenza għan-Nota ta' Osservazzjonijiet ppreżentata mill-konvenuti appellanti, għad-dubbju u nuqqas ta' kjarezza rikjesta f'każijiet simili, li jitwieldu mill-provi attriċi.

....Omissis....

Fis-sentenza m'hemmx riferenza għall-provi l-oħra prodotti mill-atturi. Jiġi sottomess umilment per illi anke dawn ix-xhieda kollha, fl-aspetti partikolari minnhom trattati, jitfgħu dubbju li ma jingħatax il-piż li, bir-rispett, kellu jingħata.

Judgements quoted in the Note of Observations of the defendant appellants point the essence of this proof.

....Omissis....

As has been observed, it is also true, that during the years some judgements mitigated the effect of the diabolica probatio, required by the plaintiff. In these cases also however , the fact was not effected that that even the slightest doubt, is to be in favour of the defendant who is summoned.

....Omissis....

The same principles were confirmed , in their entirety, in another recent judgement, given by the Hon. First Hall Civil Court in 'Dr Carmel Apap Bologna Sceberras d'Amico Inguanez vs Emanuel Sammut (Writ of Summons number 745/89 PS) - 28th March 2003).

'The action which is being brought forward by the plaintiff is one of revi vendicatoria.

....Omissis....

To the dispute there apply the following juridicial considerations:

'The person claiming back has to prove that he owns the property he is claiming back. The proof that the said object does not belong to the defendant is not sufficient, but he has to positively show that it belongs to him, because 'melior est conditio possidentis' and it is necessary that this proof is complete and conclusive, in such a manner that any doubt, even small is to go in favour of the defendant possessor'. Very Rev. Can Giuseppe Cassar noe vs Emmanuele Barbara et' Civil Appeals, 7th October 1980.

....Omissis....

Keeping in view, this legal standing and jurisprudence which is clear and well established, it should result with respect, that their application to the proof produced by the respondent plaintiffs, can never bring about the conclusion that the respondent plaintiffs, proved what is being alleged without 'any doubt', as stated in the judgement appealed.

For want of repetition, reference is made to the Note of Observations, filed by the defendant appellants, for doubt and lack of clarity required in similar cases, which result from the proof of the plaintiffs.

....Omissis....

In the judgement, there is no reference to the proof produced by the plaintiffs. It is humbly submitted that even with all these witnesses, in their particular aspects, throw doubt, that due weight was not given as it should have.

....Omissis....

B. It-Tieni Aggravju.

Fis-sentenza appellata jingħad (P3) 'F'dawn is-sottomissjonijiet il-konvenuti fissru wkoll id-dottrina dwar l-azzjoni ta' spoll. Din, iżda m'għandha ebda rilevanza għall-kawża ta' llum, li jidher li hija waħda petitorja.

....Omissis....

Jiġi sottomess għalhekk bir-rispett illi, fejn hemm premessa allegazzjoni mhux ta' użurpazzjoni ta' proprjetà iżda ta' ċaħda mit-tgawdija, u fejn hemm talba speċifika għar-reintegrazzjoni fil-pussess, si tratta kjarament ta' actio spolii u mhux ta' actio rei vendicatoria'

F'dan il-kuntest, allura, għandu jirriżulta paċifiku illi għat-tieni u r-raba' talbiet attriċi għandhom japplikaw is-soliti regoli legali ta' spoll. Għalhekk kif già senjalat mill-konvenuti appellanti, biex din il-parti ta' l-azzjoni partikolari kontenuta f'dawn it-talbiet tirnexxi, iridu jiġu segwiti l-linja traċċjati mill-Artikolu 535 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddixxiplina l-azzjoni ta' spoll vjolent li għandu bħala t-tliet elementi essenzjali sine qua non tiegħu (a) il-pussess – possedisse, (b) l-att spoljattiv – spoliatum fuisse u (b) li tali att ikun sar mhux aktar minn xahrejn qabel ma tittieħed l-azzjoni attriċi –infra bimestre deduxisse.

Dan jindika illi almenu fid-data ta' l-akkwist tagħhom, cioè fl-10 ta' Ottubru 2002, l-atturi appellati kienu pienament konxji dwar il-pożizzjoni ta' l-esponenti u l-artijiet minnhom okkupati – anke fejn jirrigwarda ż-żewġ porzjonijiet minnhom imsemmija fl-azzjoni odjerna. In oltre jikkonferma wkoll illi sa mill-bidu nett ta' l-akkwist tagħhom, la l-atturi appellati u lanqas l-istess awturi tagħhom, ma kienu fil-pussess ta' din il-porzjoni.

Għalhekk, fil-konfront ta' din it-tieni porzjoni ta' circa 8.65m.k. kull azzjoni ta' spoll ma tista' qatt ikollha suċċess (a) in kwantu l-(allegat) att spoljattiv sar ben ix-xahrejn infraskritti mil-Liġi (iċ-Ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fit-3 ta' Marzu 2003) u oltre dan, kien dikjaratement u formalment magħruf mill-atturi tagħhom, la wieħed u l-anqas l-ieħor ma ħadu ebda azzjoni f'dan il-kuntest u (b) in kwantu l-atturi, effettivament ex admissis, qatt ma kienu fil-pussess tal-porzjoni imsemmija.

Għaldaqstant, l-appellanti, in vista ta' dak kollu fuq premess, u filwaqt illi jagħmlu riferenza għall-atti kollha tal-kawża u għall-provi kollha hemm prodotti, u filwaqt illi jirriżerva d-dritt illi jipproduċu xhieda u provi skond il-każ, jitolbu bir-rispett, illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Frar 2005, fil-kawża fl-ismijiet fuq

....Omissis....

B. The Second Grievance.

In the judgement appealed (P3)' In these submissions the defendants also explained the doctrine regarding the action of spoliation. This however, has no relevance to the present cause, which appears to be a petitory action'

....Omissis....

It is submitted, thus with respect, that were an allegation is premised not of usurpation of property, but of deprivation of enjoyment and where there is a specific demand for reintegration in possession, it is clearly an action of spoliation, not an actio rei vendicatoria'.

In this context, thus it should result pacifically that as regards the second and fourth demands of the plaintiff there should apply the usual rules of spoliation. Thus as has already been pointed out by the defendant appellants, in order that this particular part of the action contained in these demands succeeds , the line set out in Article 535 of Chap 16 of the Laws of Malta, which regulates the action of violent spoliation, which has as the three essential elements sine qua non (a) the possession-possedisse, (b) the act of spoliation – spoliatum fuisse and (b) that this act shall not have been committed more than two months before the plaintiff's action is taken – infra bimestre deduxisse.

This indicates that at least on the date of acquisition, on the 10th October 2002, the respondent plaintiffs, were fully conscious regarding the position of applicant and the lands occupied by them – even where it regards the two portions, mentioned by them in the present action. Furthermore confirms that since the beginning of their acquisition, nor the respondent plaintiffs, nor their predecessors, were in possession of this portion.

That thus as regards this second portion of circa 8.65 sq.m. every action of spoliation can never succeed (a) in so far as the alleged act of spoliation was happened within the two months prescribed by Law (the present Writ of Summons was filed on the 3rd March 2003) and furthermore, it had been declared and formally known by the respondent plaintiffs and their predecessors, were not in possession of this portion.

Thus, the appellants, in view of all that premised, and whilst referring to all the records of the cause, and all the proof therein produced and whilst reserving the right to produce witnesses and proof according to the cause, pray with respect that this Honourable Court, cancels and revokes the judgement given by the Honourable First Hall Civil Court, on the 1st February 2005, in the cause in the names above premised and rejects

premessi u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess atturi.

Notifika: Plot 259, Santa Maria Estate, il-Mellieħa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 28 ta' Lulju 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the demands of the plaintiff, with costs of both instances against the plaintiffs.

Notify: Plot 259, Santa Marija Estate, Mellieħa.

Registry of the Superior Courts, (Appeals) today 28th July 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1549

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 8113/04 Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Maria Zammit u Marvic Micallef ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lill-intimati bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 30 ta' Diċembru 2004.

Lil 1) Maria Zammit
28, Elegant,
Triq Ponsonby
il-Mosta.

2) Marvic Micallef
38, Flat 5, Brug,
Triq il-Vlontin,
Birkirkara.

Ai fini ukoll ta' l-art 2153 u 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili Untours Insurance Agents Ltd. (Company No. C 5655) għal Qatar Insurance Company (WMB, South Street, Valletta) bħala assikuraturi ta' Paul Ciangura (ID 0281851M) ta' Flat 3, Blk B, Triq S. Frangisk, Ħal Tarxien u l-istess Paul Ciangura, jirrilevaw li fis-27 ta' Marzu 2003, fis-2.30 p.m., ġo Triq id-Dejma, Hal Tarxien, il-VW Polo Nru 1BB 428 ta' Paul Ciangura sfat involuta f'ħabta mal-Ford Transit Numru IMY 338, proprjetà tiegħek Maria Zammit u li kien jinsaq minnek Marvic Micallef'liema inċident seħħ bi ħtija tas-sewwieq tat-Transit.

Il-mittenti jinterpellawkom, solidalment, biex fi żmien jumejn tħallsu d-danni mġarrba, mill-mittenti fl-ammont ta' Lm664.75 u dana billi l-inċident u danni msemmija saru bi ħtija tas-sewwieq tat-Transit.

Mill-Omnibus Pool il-mittenti saru jafu li fl-inċident it-Transit ma kinetx koperta b'polza ta' assikurazzjoni u dana

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 21st March 2005, in the records of the judicial letter number 8113/04, Untours Insurance Agents Ltd noe et vs Maria Zammit and Marvic Micallef ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondents by publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 30th December 2004.

To 1) Maria Zammit
28, Elegant,
Ponsonby Street,
Mosta.

2) Marvic Micallef
38, Flat 5, Brug,
Vlontin Street,
Birkirkara.

In terms of art 2153 and 2154(1) of the Civil Code, Untours Insurance Agents Ltd (Company No. 5655) for Qatar Insurance Company (WMB, South Street, Valletta) as insuerers of Paul Ciangura (ID 0281851M) of Flat 3, Blc B, St. Francis Street, Tarxien and the same Paul Ciangura point out that on the 27th March 2003, at 2.30 p.m., in Dejma Road, Tarxien, the VW Polo Number 1BB 428 of Paul Ciangura was involved in a collision with Ford Transit Number IMY 338, being your property Maria Zammit and which was driven by Marvic Micallef which accident occurred due to the fault of the driver of the Transit.

The interpellants call upon you in solidum, so that within two days you pay the damages suffered, by the interpellants in the amount of Lm664.75 and this as the accident and damages occurred due of the driver of the Transit.

From the Omnibus Pool, the interpellants came to know that the Transit was not covered by an Insurance policy and

bi vjolazzjoni tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Maria Zammit, proprjetarja, minn naħa tagħha ppermettiet li jsir tali użu illegali tal-Van.

Daqstant biex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż ta' din l-ittra.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 1 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

this in violation of Chapter 104 of the Laws of Malta. Maria Zammit, owner, on her part allowed that the said illegal use of the van be made.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs of this letter.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) , today 1st August 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribbunals

1550

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tal-25 ta' Lulju 2005, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi.

REPUBBLIKA TA' MALTA

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fuq talba ta' Anthony Mallia ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jidhru għall-wirt tal-mejta Maria Camilleri kif ukoll għall-assenti Theresa u Christiane aħwa Camilleri fil-kwalità tagħhom ta' werrieta preżuntivi ta' l-istess Maria Camilleri fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu numru 1142/05.

Esponent: Anthony Mallia, 20, Grace Street, Żebbuġ.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Inferjuri, u sejjaħ lil kull min irid idaħħal bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Silvio Meli, LL.D., Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 25th July 2005, the publication of the following bann which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

REPUBLIC OF MALTA

To the Court Marshall

By a decree given by the Courts of Magistrates (Malta) on the application of Anthony was ordered the selection of Deputy Curators to represent to appear on behalf of the inheritance of the deceased Maria Camilleri and on behalf of the absent Theresa and Christiane sisters Camilleri in their capacity of presuntive heirs of the same Maria Camilleri in the records of the Schedule Number 1142/05.

Interpellant: Anthony Mallia, 20 Grace Street, Żebbuġ

Your are ordered to inform everyone that should no one come forward within the time stipulated the Court will proceed in order to chose whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform every one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Silvio Meli, Doctor of Laws, Magistrate of the above mentioned Court.

Illum, 25 ta' Lulju 2005.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 1 ta' Awissu 2005

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today, 25th July 2005.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today, 1st August 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1551

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Lulju 2005, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Colin E Henry ordnat illi l-ittra uffiċjali hawn taħt riprodotta tiġi notifikata lil intimat bil-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 1 ta' Ġunju 2005.

Lil Colin E Henry

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' elf mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm1,163) fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1989, 1990, 1991, 1992 u 1993 skond l-avviż hawn unit 'animo ritirandi' u mmarkat Dok.'A'.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek u li kopja tagħha wkoll annessa ' animo ritirandi' u mmarkat Dok 'B' il-mittent javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fi żmien hawn lilek prefiss huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Mittent: Dipartiment tat-Taxxi Interni – Floriana.

Intimat: 65/66 Triq Sant'Anġlu, l-Isla.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 1 ta' Awissu 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 20 July 2005, in the records of the judicial letter in the names Commissioner of Inland Revenue vs Colin E Henry ordered that the judicial letter hereunder reproduced be notified upon the respondent by publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 1 June 2005.

To Colin E Henry

The Commissioner of Inland Revenue calls upon you so that within two days you pay the sum of one thousand one hundred and sixty three Maltese liri (Lm1,163) in arrears of Income tax or provisional tax for the years of assessment 1989, 1990, 1991, 1992 and 1993 according to the notice hereby attached 'animo ritirandi' and marked Doc.'A'.

Whereas you failed to pay the amount due despite of the demand made to you and a copy of which is attached 'animo ritirandi' and marked Doc 'B' the interpellant warns you that if you fail to pay the amount due within the time fixed he shall proceed to the execution of the title in terms of Article 40 of the Act regarding the Administration of Tax.

Pay the costs of the present Act.

Interpellant: Department of Inland Revenue - Floriana.

Respondent: 65/66, Triq Sant'Anġlu, Senglea.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 1 August 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*